Qorti ta’ l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 126/12AE

**Joseph Falzon (ID numru 555343M)**

**vs**

**Michael Falzon (ID numru 174054M)**

L-Erbgħa, 16 ta’ Marzu 2016

Permezz t’avviż preżentat fil-11 ta' April 2012, ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' hamest elef, disa mija u wiehed u tletin Euro (5,931), bilanc ta' ħlas ghal tqegħid ta' madum tal-art u tal-ħajt illi sar mir-rikorrent lill-intimat skond kuntratt t'appalt.

L-intimat wieġeb li l-ħlas mitlub hu eżagerat peress illi l-partijiet ftehemu fuq ammont anqas ghax-xoghlijiet magħmula. Stqarr ukoll illi l-ammont mitlub ma kienx dovut peress illi l-intimat ħallas lir-rikorrent is-somma ta' elf euro (1,000) waqt li kien ghaddej ix-xoghol, u l-bilanc ta' erbat elef, mija u sitta u ghoxrin euro (4,126) gew depożitati l-Qorti sabiex jiġu żbankati mir-rikorrent, liema fatt m’għamilx.

B’sentenza tas-7 ta’ Frar 2014 l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati u laqgħet it-talba attriċi. Ordnat li l-imgħax jibda jgħaddi mid-data tal-preżentata tal-avviż.

Il-konvenut appella mis-sentenza, bl-aggravju li jkun bażat fuq l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel qorti.

L-attur ippreżenta risposta tal-appell li permezz tagħha laqa’ għall-aggravju tal-appellant billi rrileva li Qorti tal-appell ma tiddisturbax sentenza li tkun sostanzjalment ibbażata fuq apprezzament tal-provi, bħalma hija d-deċiżjoni appellata, ħlief għal raġunijiet gravi kif eżemplifikati fil-ġurisprudenza; kif ukoll għamel appell inċidentali li permezz tiegħu talab li l-parti tas-sentenza dwar l-imgħax tinbidel b’mod li l-imgħax jibda jgħaddi mill-1 ta’ Settembru 2011, data li fiha ġie eżegwit is-subappalt.

L-appellant ma ppreżentax risposta għall-appell inċidentali.

Il-qorti rat l-atti.

**Konsiderazzjoni**.

1. Il-każ jitratta ftehim t'appalt li sar bil-fomm. Iż-żewġ partijiet taw verżjonijiet differenti għal xulxin dwar il-prezz. Għalhekk, is-soluzzjoni għall-kwistjoni li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienet tiddependi minn liema verżjoni issib li għandha l-iktar titwemmen. Dan il-Qorti għamlitu billi kkunsidrat liema waħda miż-żewġ verżjonijiet hi l-iktar kredibbli.

2. Intqal minn din il-qorti li:-

*"Jingħad b'introduzzjoni bħala ipotesi ta' dritt illi materja ta' apprezzament ġiet dejjem imħollija interament **"alla prudenza del guidice"** (**Giorgi, Teoria delle Obbligazioni**, Vol IV para. 82) u din il-Qorti ta' reviżjoni, biex tiddipartixxi minn din il-prerogattiva u tiddeċiedi favur l-appellanti **trid tkun pjenament konvinta li, skont it-test tal-verosimiljanza, il-versjoni tiegħu hi dik l-aktar attendibbli u kredibbli.***

*"Innegabilment, il-kwistjoni li l-ewwel Qorti kellha quddiemha kienet tiddependi, għar-riżoluzzjoni tagħha, fuq il-valutazzjoni tar-riżultanzi tal-provi testimonjali u l-ġudizzju fuq l-attendibilita' tax-xhieda u tal-kredibilita` tal-versjoni waħda invece ta' oħra bħala dik l-aktar idoneja għall-konvinċiment tal-Qorti. Meta tali hi l-qagħda, kif saput, hi regola konsolidata illi l-Qorti ta' reviżjoni ma tintromettix ruħha kapriċċjożament fil-valutazzjoni tal-provi mill-ewwel tribunal jekk din tirriżulta loġika u koerenti mal-elementi ta' provi utilizzati u d-deċiżjoni tkun sew sostnuta minn motivazzjoni adegwata. Li jfisser, illi **sakemm ma jitnissilx fil-Qorti l-konvinċiment morali illi l-provi prodotti ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konklużjoni li għaliha jkun wasal l-ewwel tribunal, mhux għall-Qorti li tiddisturba l-konklużjoni raġġunta**."*[1].

3. Il-qorti tinnota kif il-konvenut:

    i. Ma tax prova li ddepożita fil-qorti s-somma ta' 4,126. L-aħjar prova kienet tkun iċ-ċedola ta' depożitu;
    ii. Għalkemm fir-rikors tal-appell reġa tenna li kienet seħħet tranżazzjoni dwar il-vertenza, m'hemmx prova ċara. F'affidavit li m'huwiex konfermat bil-ġurament, l-appellant qal li waqt li l-partijiet kienu fl-uffiċċju tal-avukat Dr Edward Zammit Lewis, "*... kien hemm qbil il jinġabru l-flus mill-Qorti u tingħalaq il-problema jew il-kwistjoni ta' bejnietna darba ghal dejjem"* (fol. 31). Dan il-ftehim suppost sar ukoll fil-preżenza ta' Dr Angelo Farrugia. Fuq bażi ta' probabilita' kieku saret transazzjoni, kien isir ftehim bil-miktub. Il-qorti kienet tistenna li l-inqas li kellu jagħmel il-konvenut

[1] **Anthony Galea v Alice Agius** – 6 ta' Ottubru, 2010.

kien li jressaq bhala xhud lill-avukati li suppost quddiemhom allegatament seħħet transazzjoni. Dan iktar u iktar meta l-attur xehed li kien hemm okkazzjoni fejn iltaqgħu fil-preżenża tal-avukati, u *".... il-konvenut qal li ma riedx iħallasni għaliex minħabba fija hu tkeċċa mix-xogħol ta' Wied il-Għajn"* (fol. 14). Kevin Falzon, iben l-attur, xehed: *"Meta darba ltqajna mal-konvenut bl-avukati tagħna, il-konvenut qal li ma riedx iħallas lil missieri għaliex minħabba fih hu tkeċċa mix-xogħol ta' Wied il-Għajn. Jien kont preżenti għal din il-laqgħa"* (fol. 17). Għalhekk kien kontestat li l-partijiet ikkonkludew transazzjoni.

4. Il-qorti kkunsidrat ukoll dak li xehed il-konvenut, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, u hi tal-fehma li ma kienx konsistenti. F'dan ir-rigward:-

   i. B'email kien irċieva l-kont minghand l-attur u mar għand Charles Ellul, is-sid tal-fond fejn sar ix-xogħol, u *"... tħallasna mingħandu ghal dak li kien qed jintalab"* (fol. 35). Ftit wara qal li Ellul ma ħallasx is-somma kollha li l-attur talab; *"Jiena għandi ngħid li minn Charles Ellul aħna ma tħallasniex tax-xogħol bil-ġonta"*.
   ii. Meta rċieva l-kont deherlu li ma kienx maħdum tajjeb, pero' xorta mar ghand Charles Ellul għaliex l-attur kien qieghed jagħmillu pressjoni biex iħallsu. Pero' ftit wara qal: *"Jien għandi ngħid li meta jiena mort għand Charles Ellul bil-kont jiena kont għadni ma nafx li kien hemm żbalji fih"* (fol. 36). Saħansitra qal li kien Charles Ellul li ġibidlu l-attenzjoni li kien hemm żbalji fil-kont.
   iii. Il-konvenut xehed li meta ndunaw li kien hemm diskrepanza fil-kont, hu u ibnu marru ghand avukat. Verżjoni li għal qorti m'hijiex kredibbli. Ir-raġuni tgħidlek li jekk kien hemm xi oġġezzjona ghal kont, il-konvenut kien ser jikkomunika mal-attur u mhux imur għand avukat. Saħansitra iktar 'il quddiem wasal biex ighid: *"Jiena għandi ngħid li d-diskrepanza, jiġifieri ż-żieda fil-kont hareġ biss wara li qabbadt l-Avukat"* (fol. 36), pero' qal ukoll li l-attur kien bagħatlu kont wieħed biss.
   iv. Jekk kif qal il-konvenut kien qieghed jikkontesta l-kont li rċieva mingħand l-attur, il-qorti ma tifhimx kif il-konvenut xehed: *"Jien għandi ngħid li* ***l-flus li kien talab Guzi Falzon aħna konna lesti li nħallsuhom****"* (fol. 36).

Il-qorti hi tal-fehma li l-attur għandu raġun isostni li d-deposizzjoni tal-attur fiha diversi kontradizzjonijiet. Saħansitra l-verżjoni tal-appellant ma taqbilx ma' dak li rrakkonta ibnu li qal: *"Jien għandi ngħid li għand Charles Ellul mort għandu ghal ħlas bil-**kont tiegħi,** jiġifieri l-kont li kien lesta s-surevyor u Charles Ellul wara xi jumejn ħallasni fuq il-kont illi kien għamel is-surveyor tiegħi"* (fol. 38). Żied li meta kien irċieva l-kont tal-attur, *"...*

*jiena qbadt u fdajtu u bgħattu lis-surveyor"*. Ir-raġuni tgħidlek li jekk fdah, ma kienx ser iqabbad surveyor. Dan apparti li Charles Ellul, is-sid tad-dar fil-Madliena, xehed u qal:

*"Jiena għandi ngħid illi sirt naf li attwalment ir-rata li kienet miftehma bejn Michael Falzon u Joseph Falzon kien attwalment tal-madum magħdud u mhux madum metru kwadru ghax meta darba minnhom Joseph Falzon kien qiegħed id-dar jaħdem, spjegali hu bir-rata li kienu ftehemu"* (fol. 25).

Kliem li jidher li ntqal lil Ellul meta kien għadu għaddej ix-xoghol, u għalhekk fi żmien meta ma kienx hemm diżgwid bejn il-partijiet. Fatt li jkompli jagħmel iktar kredibbli l-verżjoni tal-attur.

Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti hi tal-fehma li l-verżjoni tal-attur hi iktar kredibbli minn dik tal-konvenut.

5. Ġaladaraba ma jirriżultax illi l-provi li kellha quddiemha l-qorti ta' prim'istanza ma kinux tali li ma setgħux iwassluha għall-konklużjoni li waslet għaliha, l-appellant ma jistax jippretendi li sar apprezzament errat tar-riżultanzi istruttorji billi, **fuq ir-rikostruzzjoni tiegħu tal-provi, jirrikorri għar-rielaborazzjoni personali tiegħu** in kontrappożizzjoni għar-*ratio decidendi*[2].

6. Fir-rigward tal-appell inċidentali li ppropona l-attur, m'hemmx dubju li l-ftehim li sar bejn il-partijiet kien ta' natura kummerċjali u li d-debitu hu wieħed likwidu; *"Hu ritenut fil-ġurisprudenza illi, meta d-debitu ikun ċert, jekk id-debitur ikun jaf, jew jista' faċilment jiddetermina l-ammont kif fil-każ seta' jagħmel, il-massima in illiquidis mora non contrahitur mhix applikabbli. 'La massima in liquidandis non fit mora intanto e` da accogliersi in quanto la illiquidita` del debito venga per se stessa a costituire quella causa estranea al debitore e a lui non imputabile'. 'Quando il debito e` certo, ed il debitore puo` facilmente determinare l'ammontare, si rende inapplicabile il principio in liquidandis non fit mora (App, Venezia, 24 aprile 1908, Comune di Verona c. Societa` gas di Verona, Temi 938; Cassaz. Napoli 11 gennaio 1908, Di Mario c. Societa` pel risanamento di Napoli; Corte di App. 48, Dir. E Giur. XXIII, 692)"*.[3] F'kull każ skont l-Artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili: *"jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali… l-imghaxijiet ighoddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita"*.

---

[2] Ara sentenza ta' din il-Qorti, **Abdilla Diana v Mifsud Frank** tat-13 ta' Ġunju 2007.

[3] **Spiridione L. Mizzi v Emmanuele Falzon**, 16 ta' Frar 1954, Qorti tal-Kummerċ (Imħallef Tancred Gouder) - XXXVIII.iii.642.

Fl-affidavit tal-attur u ibnu ma ssemmewx dati. L-attur u Kevin Falzon xehedu li kienu baghatu l-kont b'email, pero' ma qalx meta u l-attur ma ppreżentax kopja tagħha. Għalkemm l-attur xehed li fiz-zmien tal-festa ta' Santa Liena kienu twaqqfu milli jkomplu bix-xoghol gewwa Marsaskala, pero' dan m'huwiex biżżejjed. L-imgħax jiddekorri minn meta nhareġ il-kont u ntalab il-ħlas u mhux kif ta x'jifhem l-attur minn meta spiċċa l-appalt (ara nota ta' sottomissjonijiet, fol. 50). L-obbligazzjoni tal-hlas titnissel meta l-attur hareġ il-kont u nnotifikah lill-konvenut. Fir-rikors promotur issemmew ittri legali tat-3 ta' Settembru 2011 u ittra uffiċjali tal-10 ta' Ottubru 2011, li pero' kopja taghħom ma ġietx preżentata. Ġialadarba ma saritx prova ta meta nħareg il-kont u gie notifikat lill-konvenut, din il-qorti ma tarax li hemm bażi biex tvarja dak li ddeċidiet l-ewwel qorti dwar l-imgħax. Il-qorti, li hi qorti ta' reviżjoni, ma tarax li għandha toqghod tfittex ghal xi provi li m'humiex fl-atti.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qiegħda:-**

1. **Tiċħad l-appell tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**
2. **Tiċħad l-appell inċidentali, bl-ispejjeż kontra l-attur.**

Anthony Ellul